ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto)** **IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 48** **L-ERBGĦA, 31 TA' AWWISSU 2022**

Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu,li jinsab fl-indirizz 392, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, nhar l-Erbgħa, 31 t'Awissu 2022, fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Disa' Kunsilliera)**

Josef Masini Vento – Sindku
Donnha Barbara - Viċi Sindku
Ralph Puli – Kunsillier
Carmelo Cuschieri - Kunsillier
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Martina Grech – Kunsillier
Abigail Sammut – Kunsillier
Doris Zammit - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

George Muscat

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

**Is-Sindku Josef Masini Vento** ippresjeda il-laqgħa.

Is-Sindku beda billi qal it-talba u infurma lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt www.lc.gov.mt.

**48/01 QARI TA' ITTRI TA' APOLOĠIJI**

**48/01/01** **Is-Segretarju Eżekuttiv** infurmat li l-Kunsillier George Muscat talab li jkun skużat. Il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza kienet għal raġuni ġustifikata.

**48/02/01 KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 47**

**Is-Sindku Josef Masini Vento** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 47 li nżammet nhar it-Tlieta, 9 ta' Awissu minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli issekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (9) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 47 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**48/03 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**48/03/01** **Is-Sindku Josef Masini Vento** nfurma li r-Reġjun Nofsinhar niedha skema bit-tema Smart Playgrounds, fejn il-Kunsill se jkun qed iressaq proposta sabiex isir playing equipment interattiv fil-Ġnien De la Cruz. Din l-iskema tammonta għal massimu ta' € 100,000.

**48/03/02** **Is-Sindku Josef Masini Vento** nfurma li l-Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali offra li jipprovdi s-servizz tal-ħaddiema tal-Housing Construction & Maintanance sabiex isir xogħol ta' manutenzjoni fi Ġnien De La Cruz.

**48/03/03** **Is-Sindku Josef Masini Vento** nfurma li tkellem mal-Avukat tal-Kunsill dwar il-blokka li tpoġġiet fi Triq il-Belt Valletta. L-Avukat qal li jeħtieġ issir verifika ta' x'kawża hemm għaddejja, qabel il-Kunsill ikun jista' jieħu xi forma ta' azzjoni. Dan għaliex jekk il-Kunsill jieħu l-inizzjattiva li jneħħi din il-blokka, l-Qorti tista' tieħu passi kontra l-Kunsill.

**48/04 ATTIVITAJIET KULTURALI F'ĦAL QORMI**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li wara nuqqas ta' sentejn, minħabba l-pandemija, se jiġu organizzati żewġ attivitajiet kulturali, The Qormi Cheese & Wine Festival u l-Kunċert Mużikali Venti.

**Is-Sindku Dr Josef Masini** Vento nfurma li dawn l-attivitajiet se jiġu organizzati mill-għaqdiet bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali u hu għalhekk li ppropona li l-Kunsill jiffinanzja s-somma ta' € 8,500 għal kull attivita'.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu li l-Kunsill jiffinanzja s-somma ta'
€ 8,500.

**48/05/01 TIĠDID TAS-SERVIZZI MOGĦTIJA MINN GĦAQDIET SPORTIVI LI GĦANDHOM YOUTH NURSERY**

**Is-Sindku Josef Masini Vento** nfurma li se jkun qed jerġa jiġi mġedded il-ftehim bejn il-Kunsill Lokali u l-għaqdiet sportivi li għandhom youth nursery.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li għad hemm ħlasijiet pendenti ta' attivita' li kienet organizzata mill-Qormi Hockey Club, fil-bidu tas-sena 2020.

Il-Kunsill approva unanimament li jitħallsu l-pagamenti.

**48/05/02 TIĠDID TAS-SERVIZZI MOGĦTIJA MINN GĦAQDIET TAD-DRAMA**

**Is-Sindku Josef Masini Vento** nfurma li l-kuntratt bejn il-Kunsill Lokali u l-għaqdiet tad-drama wasal biex jiskadi.

Dawn l-għaqdiet joffru s-servizz tagħhom f'bosta attivitajiet li jiġu organizzati mill-Kunsill u jtellgħu rappreżentazzjonijiet fil-lokalita', li huma mfittxija ħafna mir-residenti.

Il-Kunsill approva unanimament li jerġa' jiġi mġedded dan il-kuntratt.

**48/06/01 MOZZJONIJIET**

**Mozzjoni Nru 112/22 imressqa mill-Kunsillier Dr Sean Apap Meli**

Peress li xi kunsilliera, telghin Ruma mhallsa minnhom personali, qed jigi mitlub lil Kunsill japprova pittura sabiex din tinghata lil Qdusija Tieghu l-Papa Frangisku li tkun tiffoka fuq il-qaddisin San Gorg u San Sebastjan. Din l-istess pittura tinghata waqt udjenza mal-Papa u fiz-zmien lis-Socjeta' Filarmonika Pinto se tkun Ruma.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ssekonda l-mozzjoni.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li għamel kuntatt mal-artist Manuel Farrugia sabiex jaħdem pittura li se tiġi ppreżentata lill-Qdusija Tiegħu l-Papa, f'din l-okkażjoni.

L-ispiża ta' din il-pittura se tkun ta' mhux aktar minn € 700.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni.

**48/07 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' Awwissu 2020**

**Is-Sindku Josef Masini Vento** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Awissu 2020.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ppropona l-approvazzjoni tal-iskeda ta' ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Doris Zammit** issekondat.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**48/08 KORRISPONDENZA**

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** staqsa dwar il-proposta tat-tibdil ta' No Entry fi Triq Annetto Depasquale. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li għadha mingħajr risposta.

Il-Kunsillier Daniel Ablett infurma li fi Triq l-Għargħar 1979 hemm problema bl-istreet lighting. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Enemalta jafu b'din il-problema u kienu qed jinvestigaw x'ġara.

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli staqsa jekk kienx hemm żviluppi dwar il-kawża tal-att vandalu fuq is-Salib tad-Dejma. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li s'issa baqa' ma nstema' xejn aktar u jittama li l-Qorti tieħu l-passi neċessarji sabiex issir ġustizzja.

Il-Kunsillier Doris Zammit infurmat li r-residenti ta' Vjal de la Cruz qed jitolbu li jinqalgħu t-tabelli 'fixed points' fejn jintrama l-iskart. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li dawn it-tabelli saru sabiex jinqata' l-abbuż ta' rimi ta' skart, mill-istess residenti fuq iċ-ċint tal-Ġnien de la Cruz.

Il-Kunsillier Doris Zammit infurmat li se jkun qed isir xogħol mill-Public Works fuq rain water culvert eżistenti fi Pjazza Mons. PP Psaila. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill fetaħ dan ir-rainwater culvert iżda sab li jinfed għal bitħa tal-Housing Authority.

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli staqsa x'sar mil-laqgħat mal-Pulizija tad-distrett, li kienu jsiru kull xahar. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li dawn il-laqgħat ilhom xhur ma jsiru. Il-Kunsill qabel li tintbagħat talba lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex issir laqgħa miegħu.

**48/09 AĠĠORNAMENT**

**Is-Sindku Josef Masini Vento aġġorna il-laqgħa.**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tlieta, 27 ta' Settembru 2022 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-8:00 ta' filgħaxija.

| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
|---|---|
| Josef Masini Vento<br>Sindku | Karen Camilleri<br>Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti kkonfermati llum 27 ta' Settembru 2022.**